MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1542/2005

**Middle Sea Insurance Plc C-5553 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Bank of Valletta PLC abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Bank of Valletta PLC**

**Vs**

**Mary Rose Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Lulju 2005, fejn s-socjeta` attrici tablet illi tithallas is-somma ta’ mitejn u tmintax-il Liri Maltin u sitta` u hamsin centezmu (Lm218.56) filwaqt illi l-Bank attur talab illi jithallas s-somma ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00), it-tnejn ghar-ragunijiet indikati u msemmija fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-istess Avviz;

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta ta' l-24 ta' Awissu 2005;

Ra x-xhieda ta' Warden 267 Samuel Micallef, Victor Hili u Andrew Pizzuto moghtija fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2005 u kif ukoll ix-xhieda ta' Warden 99 Mario Galea, Martin Mifsud u Mary Rose Azzopardi tad-9 ta' Novembru 2005, inkluz kull dokument minnhom esebit;

Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-llum wara illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2005, gie dikjarat illi l-konvenuta ma kinitx qed tikkontesta il-quantum tad-danni u li ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghad-decizjoni.

## Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal jinnota illi din hija kawza dwar habta bejn tlett vetturi – wahda wara l-ohra u bhal ma jqum kwazi dejjem f'sitwazzjonijiet simili – il-Gudikant irid jasal ghal konkluzjoni jekk kienx hemm in effetti habta wahda li kkawzat il-hsara fuq it-tlett vetturi jew kienux fil-fatt zewg habtiet illi jkunu sehhew fi spazju ta' ftit sekondi jew addirittura frazzjonijiet ta' sekondi.
It-Tribunal ihoss illi ma kienx sewwa illi l-vettura GAH-229 kienet wieqfa fuq l-outer lane ghax kien evidenti illi dak l-istat ta' fatt kien qieghed jikkawza periklu – tant illi in effetti gie kkawzat incident stradali. Jinnota pero` illi mill-provi jirrizulta illi l-vettura GAH-229 Mini Metro kienet waqqfet bi hsara – allura b'mod totalment accidentali u kienet ilha hemmek biss ghal ftit mumenti, tant illi is-sewwieq kien ghadu fil-vettura qed jaghmel it-telefonata sabiex ikun jista` jnehhi l-vettura minn nofs.[1] Di piu`, kif jistqarr l-istess sewwieq ta' l-istess Mini Metro, Martin Mifsud, kien xeghel il-hazard lights[2] u allura t-Tribunal jikkonsidra illi fil-ftit mumenti li kien ghadu hemmek, kien ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji fic-cirkostanzi.
It-Tribunal irid jikkunsidra ghalhekk ukoll jekk il-vetturi l-ohra koncernati kienux qed isuqu b'kawtela u b'attenzjoni,

[1] Vide xhiedha Martin Mifsud (9.11.05)
[1] ibid

jew inkella bi traskuragni, imperizja jew negligenza da parti taghom it-tnejn jew min minnhom.
It-Tribunal irid ghalhekk jikkunsidra jekk jirrizultax illi l-vettura tan-nofs, Peugeot 405 bin-numru AAM – 512 dahhlet hi l-ewwel fil-vettura Metro u sussegwentament il-vettura Fiat Punto bin-numru GAM - 598 baqghet diehla go fiha minn wara, jew jekk hux il-kaz illi l-vettura Peugeot waqqfet fil-hin u ma laqtitx lil Metro, izda mbaghad sofriet id-daqqa minn wara tal-Punto u intefghet fuq il-vettura Metro ta' quddiemha.
It-Tribunal evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti u jinnota qabel xejn il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa taz-zewg vetturi (Peugeot u Fiat) lil Wardens li marru fuq il-post[3].
Minn dawn il-verzjonijiet jidher illi s-sewwieq tal-vettura Peugeot mill-ewwel stqarr illi kienet il-Fiat illi laqtitu fuq wara u illi l-istess habta 'imbuttatni fuq GAH 229'. Minn naha l-ohra, s-sewwieqa tal-vettura Fiat ma semmiet xejn dwar dan imma qalet biss '…. Il-vettura illi kienet quddiemi AAM512 waqfet u jiena ilqatta` fuq wara'. Hawnekk ma stqarritx illi il-vettura ta' quddiemha kienet gja habtet f'ta' quddiemha.
Victor Hili, sewwieq tal-Peugeot xehed illi '*…..rnexxieli nieqaf minghajr ma missejt il-mini metro. Dak il-hin illi jiena waqaft qlajt daqqa minn wara u bid-daqqa mbaghad missejt il-metro ta' quddiemi'*.[4]
Ir-rakkont tas-sewwieq tal-Mini Metro[5] jikkorrabora din il-verzjoni in kwantu illi ighid "*….smajt brake u fil-fatt lil siehbi ghidtlu, ejja waqaf dan ta' warajna.. proprju f'dak il-mument imbghad nisma` habta f'ta warrajja, imbaghad sussegwentament il-habta go fija.*"
Is-sewwieqa tal-vettura Fiat, ossia l-konvenuta, taghti verzjoni diversa u ssostni illi l-ewwel kien hemm il-habta tal-Peugeot mal-Metro u mbaghad sehhet dik taghha mal-Peugeot[6].
It-Tribunal jidhirlu illi l-verzjoni taz-zewg sewwieqa l-ohra hija aktar verosimili u jsib ftit diffikulta` biex jaccetta il-verzjoni tal-konvenuta. Dan ghal diversi ragunijiet, imma

---

[3] fol 21 tal-process
[4] fol 27 -28 tal-process
[5] fol 44 tal-process
[6] fol 47 tal-process

fosthom ghax din il-verzjoni ma qalitiex lill-Wardens ftit mumenti wara l-incident u kif ukoll ghax l-incident jirrizulta illi sehh f'mumenti qosra hafna, ftit frazzjonijiet ta' sekondi. Di piu` meta l-konvenuta tghid "*Ta' quddiemi ibbrejkja f'daqqa u habat fil-karozza ta' quddiemu, u jiena ghamilt l-istess manuvra, igifieri zammejt il-brake, u ukoll hbatt fil-vettura Peugeot illi kienet quddiemi*"[7] – it-Tribunal ihoss illi f'cirkostanzi fejn l-incident sehh f'temp daqsekk qasir, ftit tista` il-verzjoni tal-konvenuta titqies veritjiera.
Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-incident sehh tort unikament tal-konvenuta.

Dwar il-quantum tad-danni it-Tribunal ikkunsidra illi s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmintax-il Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (LM218.56) rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Bank of Valletta Plc u li ghalihom ghamlet tajjeb hi stess a bazi tal-polza ta' l-assikurazzjoni ta' l-istess Bank attur, filwaqt illi l-istess Bank attur qed jitlob is-somma ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00) rapprezentanti l-excess.
Ikkunsidra DOKs AP1 sa AP4 li jinkludu l-ircevuti relattivi ghad-danni, u cioe`, dik ta' I.M.P. (Malta) Ltd[8] fl-ammont ta' Lm70.27 u dik ta' Twanny's Garage fl-ammont ta' Lm156.79[9], ammontanti in toto ghas-somma ta' mitejn u seba` u ghoxrin Liri Maltin u sitt centezmi.
It-Tribunal filwaqt illi ikkunsidra ukoll illi l-konvenuta ma ghamlet ebda kontestazzjoni dwar l-ammonti mitluba fl-Avviz, pero` ma jistghax jakkorda somma akbar minn dik illi hija mitluba fl-istess Avviz.
In kwantu l-excess, filwaqt illi t-Tribunal jinnota illi ma giet prezentata ebda ricevuta ghal dan, pero` kif jirrizulta mix-xhieda ta' Andrew Pizzuto, il-Bank attur ghamel il-claim u allura t-Tribunal iqis illi biex infethet il-claim l-excess kellu jithallas. Tant illi hu stess jikkonferma illi l-assikurazzjoni gabbret hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) bhala excess minn ghand il-Bank attur.

[7] ibid
[8] DOK AP2
[9] DOK AP3

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi kien sewqan traskurat u nuqqas ta’ attenzjoni tal-vettura Fiat Punto GAM – 598 misjuqa mill-konvenuta Mary Rose Azzopardi illi wasslet ghall-incident mertu ta’ din il-kawza.
In kwantu ghall-quantum tad-danni, it-Tribunal, minkejja d-dokumenti esebiti, ma jhossx illi ghandu jakkorda somma akbar minn dik mitluba fl-Avviz.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet maghmula mill-atturi u filwaqt illi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu ta’ din il-kawza, jghaddi sabiex jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ mitejn u tmintax-il Liri Maltin u sitta` u hamsin centezmu (Lm218.56) u t-talba tal-Bank attur ghas-somma hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00) u jikkundanna ghalhekk lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici MiddleaSea Insurance Plc is-somma ta’ mitejn u tmintax-il Liri Maltin u sitta` u hamsin centezmu (Lm218.56) u lis-socjeta` attrici Bank of Valletta plc is-somma ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25.00), ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------